A.L. 351 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Health Science - Dip. Health Science - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Health Science - Dip. Health Science, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Health Science - Dip. Health Science - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 169 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. L-Ordinamenti 4, 6, 7, 8, 9 u 10 għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

3. L-Ordinament 5 għandu japplika għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2011 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom ikunu temmew b'suċċess kors preparatorju mifrux fuq medda ta' tliet semestri ta' studju *full-time* relatat speċifikament mal-qasam ta' studju li se jkun segwit fid-Diploma, immedjatament qabel il-bidu tal-Kors."

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time*."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. Id-Diploma tista' tingħata skont il-provvedimenti ta' dawn l-ordinamenti f'xi wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju:

Dental Technology, Environmental Health, u Nursing Studies, jew f'xi qasam ieħor relatat mal-Kura tas-Saħħa, wara l-approvazzjoni tas-Senat."

L-Emenda għall-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda."

L-Emenda għall-artikolu 1 tal-Appendiċi I tal-ordinamenti prinċipali

8. Minflok il-paragrafu (b) tal-artikolu 1 tal-Appendiċi I tal-Ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“(b) il-BTEC National Diploma in Health and Social Care (Health Studies), jew l-ekwivalenti, flimkien ma’ riżultati ta’ għadda fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja fil-Malti, il-Lingwa Ingliża, il-Matematika, u f’suġġett tax-Xjenza,

sakemm li l-applikanti li jixtiequ jidħlu fil-kors preparatorju li jwassal għad-dħul fil-kors għad-Diploma bin-Nursing Studies bħala l-qasam ta’ studju jistgħu, minflok, jippreżentaw is-Certificate in Nursing Practice mogħti mill-Istitut, jew is-Certificate of Enrolled Nurse mogħti mid-Dipartiment tas-Saħħa.”

L-Emenda għall-artikolu 2 tal-Appendiċi I tal-ordinamenti prinċipali

9. Minflok l-artikolu 2 tal-Appendiċi I tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“2. Barra minn hekk l-applikanti għandu jkollhom mhux inqas minn 17-il sena sa tlett xhur mid-data meta jibda l-kors preparatorju.”

L-Emenda għall-artikolu 4 tal-Appendiċi I tal-ordinamenti prinċipali

10. Minflok l-artikolu 4 tal-Appendiċi I tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“4. Il-kors preparatorju għandu jikkonsisti minn għadd ta’ taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 90 kredtu.”